# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 1 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 509/99**

**Numru 28**

**Charles Cuschieri ezercenti l-professjoni ta' ingenjier taht l-isem "Camilleri & Cuschieri"**

**vs**

**Charnwoods Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lill-attur is-somma ta' hames mija tmienja u disghin liri Maltin tmienja u sittin centezmu (Lm598.68) dovut mis-socjeta' konvenuta bhala bilanc ta' drittijiet professjonali u rimborz ta' spejjes in konnessjoni ma' servizzi professjonali forniti lis-socjeta konvenuta mill-attur fuq inkarigu tieghu.

Bl-imghax dekorribbli mill-15 ta' Settembru 1997 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid numru 639/99.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta li biha eccepiet (fol 3 tal-atti) illi din l-azzjoni hija intempestiva stante li l-partijiet kienu ftehmu li l-hlas in kwistjoni kellu jsir wara li jitlesta x-xoghol li kellu jsir biex titkabbar il-fabbrika tas-socjeta konvenuta.

Illi x-xoghol ma sarx skond kif miftiehem bejn il-partijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, qabel il-mertu, ser jigi konsiderat ir-rikors tas-socjeta konvenuta presentata fit-25 ta' Settembru 2000 sabiex jigi anness bhala prova, "affidavit", sottomess minnha u li bih ta' x-xhieda tieghu Joseph Baldacchino bhala direttur tas-socjeta konvenuta

kif ukoll dak presentat mill-attur fit-2 ta' Ottubru 2000 sabiex jigi sfilzat mill-atti l-istess "affidavit".

Illi, in rigward din il-kwistjoni, l-Qorti trid tara li f'proceduri bhal dawk in esami, trid tissodisfa l-kriterju ta' "audi alteram partem" u ghalhekk jkun opportun, f'dan il-kaz, li l-"affidavit" in esami, jkun anness bhala prova fl-atti.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu, l-attur Charles Cuschieri (fol 7 et seq ibid) anke permezz ta' dokumenti (fol 11 u 12 ibid) spjega il-basi tat-talba tieghu fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Hawnhekk l-attur issottolinea li hu kien esegwixxa l-inkarigu moghti lilu mis-socjeta konvenuta li da parti taghha ma kienet hallset xejn minn dak mitlub minnu, kalkolat a basi tal-"standard rates". In rigward l-istess xoghol esegwit minnu, ma kien sar ebda ilment. Difatti Joseph Baldacchino imsemmi, "..... dejjem kien jghidilna li kien ser jhallasna pero dejjem kien jghidilna, ukoll, li aktarx, ser ninghataw xoghol fil-fabbrika l-gdida" liema xoghol ulterjuri, pero', qatt ma kien avvera ruhhu.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti rat u esaminat l-<u>"affidavit" sottomess minn Joseph Baldacchino</u> fejn fil-qasir, issottometta li x-xoghol esegwit mill-attur kien "bicca xoghol zghira" u li " kien hemm ftehim bejnietna illi ta' dan ix-xoghol ma kien ser jzommli xejn bil-kundizzjoni li l-progett il-kbir jithalla f'idejh. Sallum dan il-progett ghadu ma sarx pero' jien kont bl-intenzjoni illi nqabbad lilu meta nigi ghalih.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi kif esposti, jidher:

a) illi x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx "bicca xoghol zghira", liema fatt jidher evidenti mid-dokument a fol 11 ibid , markat <u>Dok A</u>.

b) illi l-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta konvenuta tista' tippretendi li ma thallasx lill-attur ghax-xoghol kollu esegwit minnu skond kif specifikat fil-fattura a fol 12 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta tilq it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm598.68,0 bl-imghax legali

mid-data tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 639/99 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess mandat ta‘ qbid imsemmi.

Alan Calleja
Deputat Registratur